MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2005

Talba Numru. 2337/2003

**Vinco Limited**

**vs**

**Andrew Mifsud u Isabelle Tonna u b'digriet tal-15 ta' Jannar, 2004, it-Tribunal jordna l-kjamat in kawza ta' Lawrence Vella u Lorna Aquilina**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-21 ta' Novembru, 2003 fejn intalab li l-konvenuti jhallsu s-somma kumplessiva ta' elf mija u hamsin lira Maltin (Lm1,150) rapprezentanti, in kwantu ghas-somma ta' tmien mija u hames liri Maltin (Lm805), prezz ta' xoghol tal-fil u kisi li sar mis-socjeta' mittenti fuq il-fond surreferit fuq inkarigu tal-konvenuti stess ai termini tal-klawsola numru 14 tal-kuntratt hawn fuq**

**citat, u in kwantu ghas-somma ta' tliet mija u hamsa u erbghin lira Maltin (Lm345), prezz ta' sistema ta' drenagg u katusi fl-istess fond ukoll maghmul mis-socjeta' mittenti fuq inkarigu tal-konvenuti stess a tenur tal-istess imsemmi kuntratt, flimkien mal-VAT fuq l-istess prezz.**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri bonarji datati 28 ta' Lulju, 2003 u tad-29 ta' Settembru, 2003, u tal-ittra ufficjali datata Awissu, 2003 u bl-imghaxijiet legali kollha sad-data tal-effettiv pagament, kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti sabiex jidhru ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenuti pprezentata fil-5 ta' Jannar, 2004 fejn gie eccepit :**

**Illi t-talba tas-socjeta' attrici ghandha tigi michuda u dan stante l-fatt illi l-konvenuti ffirmaw skrittura privata (Vide Dok A), datata 6 ta' Novembru, 2002 ma' Lawrence Vella u Lorna Aquilina ghall-bejgh tal-fond numru 43, Triq it-Tuffieh, Naxxar, fejn l-istess Lawrence Vella u Lorna Aquilina obbligaw ruhhom illi jhallsu l-ispejjez tal-faccata u f'dan ir-rigward kontestwalment qed jigi pprezentat rikors ghal kjamat in kawza ta' l-istess Lawrence Vella u Lorna Aquilina.**
**Illi di piu', kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, l-kundizzjoni fil-klawsola numru erbatax (14) tal-kuntratt (Vide Dok B) ma gietx onorata mis-socjeta' attrici.**
**Illi kif jirrizulta mill-kuntratt datat 13 ta' Marzu, 2003 (Vide Dok C), l-ispejjez tas-sistema tad-drenagg ghandhom jithallsu minn Lawrence Vella u Lorna Aquilina.**
**Ghaldaqstant, it-talba tas-socjeta' attrici ghandha tigi michuda, bl-ispejjez kontra l-istess.**

**Ra r-risposta tal-kjamati in kawza Lawrence Vella u Lorna Aquilina fejn gie eccepit :**
**Illi t-talbiet attrici in kwantu diretti kontra l-kjamati fil-kawza Lorenzo Vella u Lorna Aquilina ghandhom jigu respinti billi :**

**Fl-ewwel lok, ma hemm l-ebda relazzjoni guridika bejn il-kjamati fil-kawza u s-socjeta' attrici ;**
**Fit-tieni lok, il-kjamati fil-kawza qatt ma nkarigaw lis-socjeta' attrici sabiex taghmel xi xoghol fil-fond li huma llum proprjeta' taghhom u oltre minn dan huma akkwistaw dan l-istess fond meta gia kien lest mix-xogholijiet li dwarhom qed jintalab il-hlas mill-istess socjeta' attrici.**
**Fit-tielet lok, u minghajr pregudizzju ghal dak suespost, il-kjamati fil-kawza effettwaw kull hlas dovut minnhom fir-rigward tal-fond meritu tal-kawza odjerna meta huma akkwistaw l-istess fond minghand il-konvenuti.**
**Fl-ahharnett illi t-talbiet attrici, in kwantu jolqtu lill-kjamati fil-kawza, huma nfondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt.**
**Salv eccezzjonijiet ulterjuri.**
**Bl-ispejjez.**

**Semgha x-xhieda ta' Vince Vella, Nutar Bartolomeo Micallef, Isabelle Tonna, Lorna Aquilina, Lawrence Vella. Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Illi s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas ghal xoghol tal-fil u kisi kif ukoll ghall-prezz ta' sistema tad-drenagg u katusi fuq il-fond 43, Triq it-Tuffieh, Naxxar mibjugh lill-konvenuti.**
**2. Il-konvenuti qed ighidu illi l-kjamati in kawza kienu obbligaw ruhhom li jhallsu tal-faccata.**
**3. Il-kjamati in kawza qed ighidu illi huma ma ghandhom l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici kif ukoll meta akkwistaw il-fond minghand il-konvenuti kien lest minn kollox.**
**4. Jirrizulta illi fit-12 ta' Mejju, 2000 is-socjeta' attrici kienet bieghet il-fond lill-konvenuti u dana skond id-Dok B esebit li huwa kuntratt fl-atti tan-Nutar Bartolomeo Micallef fejn hemm stipulat fi klawsola 10 is-segwenti "the expenses envolved in the <u>drainage and water pipes</u> are to be <u>shared</u> by the purchasers and the owners of the underlying maisonette, and the**

**purchasers are bound to ask the vendor as to where these pipes should be laid." Filwaqt li klawsola 14 tistipola: "up to the term of <u>two years</u> as from date the vendor binds itself to finish the facade "fuq il-fil" and to plaster part of the facade at the expense of the purchasers."**

**5. Kien sar konvenju fis-6 ta' Novembru, 2002 bejn il-konvenuti u l-kjamati in kawza ghall-bejgh ta' l-imsemmi fond u fil-konvenju esebit bhala Dok A a fol 9 tal-process jinghad is-segwenti "il-kumpratur jintrabat li jhallas l-<u>ispejjez tal-faccata</u> lil Vincent Vella u <u>spejjez ohra</u>." Cioe' wiehed ghandu jifhem minn dana l-att redatt minn Nutar Bartolomeo Micallef li Vella u Aquilina kienu qed jintrabtu li jhallsu l-ispejjez tal-faccata, kif ukoll l-ispejjez tad-drenagg.**

**6. It-Tribunal jinnota in partikolari illi skond id-Dok JB 1 esebit li huwa kopja tal-konvenju tas-6 ta' Novembru, 2002 Dok A, ukoll mahrug ufficjalment minn Nutar Bartolomeo Micallef, illi fl-ahhar paragrafu ta' l-istess Dok JB 1 il-kliem <u>u spejjez ohra</u> gew ingassati, cioe' fih qed ighid illi l-kjamati in kawza kienu ser ikunu responsabbli biss ghall-ispejjez tal-faccata.**

**7. Ma hemmx dubbju illi l-akbar kontroversja f'dan il-kaz proprju minnhabba dawn iz-zewg dokumenti identici mahruga mill-istess nutar li pero' fihom din id-divergenza ta' l-ahhar, cioe` l-kliem "u spejjez ohra" li gew ingassati f'wiehed mid-dokumenti.**

**8. Jigi nnutat ukoll illi skond il-kuntratt ta' bejgh bejn il-konvenuti u l-kjamat in kawza datat 13 ta' Marzu, 2003 fl-atti tan-Nutar Micallef, Dok C il-klawsola 10 dwar l-ispejjez giet semplicement ripetuta.**

**9. Jirrizulta wkoll illi skond ma xehed Vince Vella direttur tas-socjeta' attrici r-rabta tieghu li ghamel ix-xoghol tal-faccata fi zmien sentejn fil-fatt kien sar, u f'dak iz-zmien hu qatt ma kellem lill-kjamati fil-kawza. Hu jikkonferma li l-ftehim kien mal-konvenuti. Isabelle Tonna fid-deposizzjoni taghha ma taqbilx ma' dak li qal Vince Vella dwar li x-xoghol tal-faccata tlesta fi zmien sentejn. Hi tghid li qatt ma giet infurmata li ser isiru x-xogholijiet. F'dan ir-rigward ghalkemm Isabelle**

**Tonna tghid li Andrew Mifsud kien qal lil Vince Vella sabiex ix-xoghol ma jsirx, dana fil-fatt kien sar. Hi lmentat fuq il-fatt li lanqas ma bghatu quotations. Isabelle Tonna taqbel li d-drenagg kien tlesta qabel is-sentejn u qabel ma dahlu fix-xena l-kjamati in kawza.**

**10. In-Nutar Bartolomeo Micallef, xhud krucjali f'din il-kawza, jikkonferma li kien qara l-kuntratt lill-partijiet inkluzi l-klawsoli 14 u 19 tal-kuntratt. L-istess nutar ighid illi meta sar il-kuntratt bejn is-socjeta' attrici u l-konvenuti l-faccata ma kienetx thallset u ghalhekk din regghet tnizzlet fl-ahhar tal-kuntratt. In-Nutar, ghalkemm ma setax jaghti spjegazzjoni plawsibbli dwar il-kliem ingassati fid-Dok.JB1, jikkonferma illi gie specifikat li l-faccata kellhom ihallsuha l-kjamati in kawza meta sar il-kuntratt ma' dawn, tant illi hu jghid li kien qalilhom: "Ftakru li tridu thallsu tal-faccata". Inoltre hu jghid: "Cert li kien hemm pendenti l-ispejjez tal-faccata."**

**11. Mix-xhieda mismugha, partikolarment dik tan-Nutar Micallef, it-Tribunal qed jirrizultalu illi r-relazzjoni guridika tiskaturixxi mill-klawsola 19 tal-kuntratt tal-15 ta' Mejju, 2000 Dok B, filwaqt illi jirrizulta illi ghall-ispejjez tal-faccata kellhom jaghmlu tajjeb il-kjamati in kawza filwaqt li ghall-ispejjez l-ohra kellhom jaghmlu tajjeb il-konvenuti. Jirrizulta bic-car li x-xoghol tad-drenagg kien tlesta. Jirrizulta li sussegwentement tlestiet il-faccata. Jirrizulta li Vella kellu jithallas ta' dawn. Jirrizulta li meta saru n-negozjati mal-kjamati in kawza, in-Nutar stess kien ghamilha cara f'dan illi l-ispejjez tal-faccata kellhom ihallsu ghalihom il-kjamati in kawza.**

**12. Jirrizulta illi l-ispejjez tal-faccata kienu jammontaw ghal tmien mija u hames liri (Lm805.00), filwaqt illi l-ispejjez tas-sistema tad-drenagg u katusi kienu jammontaw ghall-tlett mija u hamsa u erbghin lira (Lm345.00).**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici, jichad l-eccezzjoni sollevata mill-kjamati in kawza dwar li m'ghandhomx relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici, u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u**

**hamsa u erbghin lira (Lm345.00), u lill-kjamati in kawza s-somma ta' tmien mija u hames liri (Lm805.00), ilkoll bl-imghaxijiet legali dekorribbli millum sad-data tal-effettiv pagament.**

Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, l-ispejjez ta' dina l-kawza ghandhom jigu sopportati ugwalment bejn il-konvenuti u l-kjamati in kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------